**Minuti tat-tlieta u sebgħin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

It-73 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 15 t' Ottubru 2015. Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Norman Clews, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Nicholas Azzopardi.

Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-Kumitat qabel unanimament illi s-Sur Luciano Farrugia jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tat-72 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti

Iċ-*Chairperson* qal li l-problema dwar it-trasport ta' materjal mill-impjant tar-reċiklaġġ f'Ta' Barkat kienet għada ma ġietx indirizzata u saħaq dwar il-ħtieġa li ma jkunx hemm aktar inkonvenjent għar-residenti ta' St Peter.

Dwar il-manutenzjoni tat-toroq f'St Peter is-Sur Agius qal li x-xogħol ta' *patching* kien ser jinbeda fi żmien qasir.

Item 4 – Korrispondenza

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar korrispondenza li rċieva mingħand is-Sindku dwar talba li saret minn residenti biex tiġi rranġata Triq iż-Żarżarell. Iċ-*Chairperson* qal li kien għamel kuntatt ma' din ir-residenta li esprimiet miegħu l-ħtieġa li tiġi rranġata l-bankina u t-triq.

Dwar l-ittra li kellha tintbagħat lir-residenti li joqgħodu fl-appartamenti 'City View' fi Triq San Leonardu, iċ-*Chairperson* qal li r-residenti issa kienu qegħdin jiġu nfurmati formalment dwar il-ħtieġa li ma jinħariġx skart meta ma jkunx ser jgħaddi l-*iscammel*.

Is-Sur Bartolo semma wkoll il-komunikat li kellu mas-Sur Emanuel Vella, rappreżentant tal-Fondazzjoni Valletta 2018, fejn iddiskuta miegħu l-possibilità li l-Kumitat Amministrattiv St Peter jieħu sehem fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali li jittellgħu fil-lokalitajiet.

Is-Sur Agius tkellem dwar l-attivitajiet sportivi fiż-żona ta' St Peter u ppropona li jsiru diskussjonijiet mill-Klabb tal-Boċċi St Peter biex tiġi organizzata attività sportiva bejn il-klabb u l-Kumitat Amministrattiv. Is-Sur Bartolo ssekonda u l-Kumitat qabel unanimament.

Iċ-*Chairperson* qal li kien irċieva talba biex titwaħħal kaxxa tal-ittri ġdida fi Triq il-Marżebb. Is-Sur Agius ssekonda liċ-*Chairperson* u l-Kumitat qabel unanimament li ssir talba lill-kumpanija MaltaPost Ltd biex tiżdied kaxxa tal-ittri oħra peress ili f'St Peter hemm kaxxa tal-ittri waħda biss.

Fl-aħħarnett iċ-*Chairperson* talab li jsir *refresh* tal-marki tat-traffiku li hemm fi Triq Dun Salv Sciberras ma' Triq il-Berebis.

Il-laqgħa spiċċat fit-7:45 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-74 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 12 ta' Novembru 2015.

Mario Bartolo
*Chairperson*